# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' April, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 177/02mm**

**C.G.L. Oil Blenders Limited**

**vs**

**Rainbowmix Concrete Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija u dsatax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm3,619.23), rapprezentanti bilanc ta' somma akbar,

liema somma hija dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici bhala prezz ta' merkanzija konsistenti fi zjut u grease ipprovdut u ikkonsenjat lis-socjeta' konvenuta matul l-ahhar xhur fuq istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta stess.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 20 ta' Frar, 2002, u ta' Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull konsenja, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici illi biha rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' elfejn, erba' mija u disghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm2490.57), billi saru xi pagamenti waqt il-mori tal-kawza u zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-24 ta' April, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Deputat Registratur